MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Numru. 1403/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca`)**
**vs**
**Mark Neil Pace ta' 30 sena, iben Charles Constantine u Joan Marion nee` Cross, imwieled Londra, Ingilterra fit-3 ta' Frar, 1977, minghajr indirizz fiss, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 1233011.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra kontra l-imputat Mark Neil Pace u cioe' talli f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula, ukoll jekk fi zminijiet differenti w li jksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li ge maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli fis-6 ta' Ottubru, 2007, ghall-habta ta' l-4.30p.m., mill-hanut Pull &
Bear fi Triq Santa Lucija, Valletta ikkommetta serq ta' par zarbun ghad-dannu tas-socjeta Karant Trading Co. Ltd. u/jew ta' persuni ohra;

2. Aktar talli fl-4 ta' Novembru, 2007, bejn l-4.45p.m. u s-6p.m., minn gewwa l-*annexe* tat-Tejatru Manoel fi Triq l-Ifran Valletta ikkommetta serq ta' basked li kien fih ghadd ta' oggetti, fosthom *mobile phone* tal-marka Samsung, liema saerq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Giselle Calleja u/jew ta' persuni ohra;

3. Aktar, talli bejn id-9 u t-12 ta' Novembru, 2007, gewwa l-MCP Carpark, Floriana, ikkommetta serq ta' *water heater minn* karozza Puegeot 306. numru ta' registarzzjoni JQZ056. liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-hin u bil-mezz u li sar ghad-detriment tas-socjeta Bank of Valletta plc;

4. Ukoll talli fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Novembru, 2007, gewwa l-MCP Carpark, Floriana, ikkommetta serq ta' stereo/CD tal-marka Kenwood, minn vettura Mitsubishi Pajero, numru ta' registrazzjoni ABF658, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xortga tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Raymond Saliba u/jew ta' persuni ohra;

5. Iktar, talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament, hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, w cioe` vettura Mistsubishi Pajero, numru ta' registrazzjoni ABF658. liema hsara ma tiskorix il-hames mitt lira Maltin, imma izjed minn hamsin lira Maltin ai termini ta' l-Artikolu

325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema hsara saret ghad-dannu ta’ Raymond Saliba u/jew ta’ persuni ohra;

6. Fl-ahharnett, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentensza datata 4 ta’ Novembru, 1998.

Semghet il-provi

Rat id-dokumenti esebiti;
Rat l-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet li l-imputata ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dan anke wara li l-Qorti tghatu zmien sabiex jirrikunsidra l-istess l-ammissjoni.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni mghamulha mill-imputat l-Qort ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija mghamula mill-imputat kif ukoll sejra tqis illi l-imputat kien diga nstab hati ta’ akkuzi simili u ghalhekk il-Qorti thoss illi hija ghandha taghmel dak is-salvagwardji fl-ahjar interess tal-gustizzja u tas-socjeta sabiex l-imputat ma jergax jidhol fit-triq tad-delinkwenza.

Illi dwar l-akkuza ta’ recidiva dina ma tinkwadrax ruhha taht id-dispozizzjoni ta’ l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 peress illi s-sentenza inghatat il-fuq minn hames snin ilu u in kwantu li l-prosekuzzjoni ma resqitx provi dwar l-identita ta’ l-istess.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda taqta' u tiddciedi billi wara li rat l-artikoli 325(1)(4), 261, 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mis-sitt akkuza, izda ssibu hati ta' l-akkuzi l-ohra u tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ghall-zmien sentejn mil-lum li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija ghandu jigi sospiz ghal smien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti ara li rat l-artikolu 26H tal-Kapitolu 9 inoltre tordna lill-hati sabiex ihallas bhala kumpens ghad-danni lill parte leza s-somma ta' mija u sebghin Lira Maltin (Lm170)

F
l-ahhar net il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kudizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------